KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 389

It-Tnejn 11 ta' Mejju 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi inżammet *online* minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti relatati mal-Covid-19, u skond id-Direttiva 2/2020 punt 4.5.

PREŻENTI:

Is-Sindku Kurstein Nicholas Sant
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Dominic Grech
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Kulħadd kien preżenti

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi - 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**389.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**389.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**389.2.1** Inqraw il-Minuti tas-Seduti 387. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**389.2.2** Inqraw il-Minuti tas-Seduta b'urġenza 388. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit isekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

**389.2.3** **388** Is-Sindku ta aġġornament dwar is-sitwazzjoni.
Huwa qal li wara li ġew ikkunsidrati d-diversi opzjonijiet, irriżulta li l-aktar soluzzjoni vijabbli hija li l-ġbir jibqa' jsir tramite l-GreenMT taħt l-istess skema u bl-istess kuntrattur.
Huwa qal li qed titħejja skrittura mill-Avukat kif deċiż fis-Seduta 388 u li malli tkun lesta tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera kollha.

**389.2.4** **387.2.7** Is-Sindku qal li peress li din l-iskema tiskadi f'Ġunju 2020, ser tintalab estensjoni. Huwa qal li l-ġimgħa d-dieħla, flimkien mal-Kunsillier Julian Borg, ser jiprovaw jiltaqgħu mal-Kuntrattur biex jiġi ordnat ix-xogħol mill-iktar fis possibbli.

**389.2.5** **387.11.5** Is-Sindku informa li kull nhar ta' Tnejn, il-Malta Trust Foundation qed tiprovdi numru ta' xirjiet li jiġu miġbura u mqassma mill-ħaddiema assenjati tal-kunsill, lill-individwi indikati mill-istess Fondazzjoni.

**389.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**389.3.1** Is-Sindku qal li TM taw direzzjoni lill-Kunsill biex l-*ispeed bump* fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi fid-daħla tas-Siġġiewi titneħħa. TM sa tkun qed timmonitorja is-sitwazzjoni. Il-Kunsilliera Francine Farrugia proponiet li jinżebgħu *speed limit markings* mal-art.

**389.3.2** Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar *claim* għal spejjeż ta' ħsarat imġarrba allegatament f'inċident waqt li l-vettura għaddiet minn ħofra fi Triq Panoramika eżatt quddiem l-entratura ta' barriera tar-radam. Is-Sindku qal li din it-triq saret minn Infrastructure Malta madwar sentejn ilu b'fondi tal-UE u għalhekk ix-xogħol għadu taħt garanzija. Il-Kunsilliera Psaila Zammit qalet li f'każ preċedenti, l-Ombudsman kien issuġġerixxa li l-Kunsill jaħtar bord ta' esperti li jiddiskuti dawn il-*claims*. Is-Sindku qal li wara konsultazzjoni mal-Avukat tal-Kunsill dan issuġġerixxa li dawn il-każi iridu jiġu affrontati b'kawtela kbira biex ma jinħoloqx preċedent. Apparti minn hekk hemm diversi fatturi li jridu jiġu kkunsidrati fosthom il-kundizzjoni tal-viżibilta' dak inhar tal-inċident u l-veloċita' li l-vettura kienet qed tinstaq biex ġarrbet dawk il-ħsarat. Il-Kunsilliera Psaila Zammit proponiet li tintbagħat ittra biex min għamel il-*claim* jimxi għal arbitraġġ, kif ukoll li jiġi kkonsultat l-Avukat tal-Kunsill għal formazzjoni ta' Bord. Is-Sindku propona wkoll li din il-*claim* tgħaddi għand IM minħabba l-kwistjoni li t-triq għadha bil-garanzija.

**389.3.3** Is-Sindku rrefera għal Ċirkulari AKL 2020/049 bis-suġġett "Kilometri ta' spazji pubbliċi b'rotot għall-mixi, ċiklizmu u spazji mitfuħa għar-residenti żgħar u kbar fil-lokalitajiet tagħna." Huwa qal li flimkien mal-Kumitat Infrastruttura ser jiġu diskussi l-possibiltajiet u proġetti li jistgħu jiġu mressqa.

**389.3.4** Is-Sindku informa li l-Kunsill ġie assenjat tmien ħaddiema mill-Kumpanija OZO biex jagħmlu sigħat ta' volontajat fil-lokalita' sakemm il-kumpanija tagħhom qegħda magħluqa minħabba s-sitwazzjoni preżenti. Huwa qal li dawn ser ikunu qed jagħmlu xogħol ta' tindif, qtugħ ta' ħaxix f'diversi toroq kif ukoll xi xogħol ta' manutenzjoni.

**389.3.5** Is-Sindku informa li bħalissa qed isir xogħol mill-ħaddiema ta' Reġjun Nofsinhar fi Triq il-Hesri. Ix-xogħol jikkonsisti fi tranġar ta' żewġ bankini wiesa' fin-niżla għal wied. Huwa qal li x-xogħol qiegħed fi stat avvanzat u la jitlesta x-xogħol infrastrutturali ser jitwaħħlu bankijiet li bħalissa qed jiġu rinovati mill-ħaddiema tal-Kunsill u propona li jinxtraw kontenituri tal-iskart. Il-Kunsill qabel unanimament.

**389.3.6** Is-Sindku rrefera għal skema AKL2020/043 'Attivitajiet iffinanzjati mill-fondi tal-LESA'. Huwa qal li għal din l-iskema l-kunsill kien applika għal finanzjament ta' €8,000 fuq attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi u €10,000 għal tiswijiet fl-open gym. Is-Sindku qal li minħabba s-sitwazzjoni preżenti numru ta' attivitajiet ta' Jum is-Siġġiewi kellhom jiġu sospiżi u għalhekk parti mill-fondi proġettati ma ntefqux. Madankollu, l-istima għat-tiswijiet fl-outdoor gym telgħet iktar milli previst u għalhekk qed jiproponi li l-fondi li ma jintużawx għal Jum is-Siġġiewi jiġu użati għat-tiswija tar-running track, l-apparat tal-gym u instazzjoni ta' CCTVs. Il-Kunsill qabel unaniment.

**389.3.7** B'referenza għal dan, is-Sindku qal ukoll li l-istima biex titranġa r-running track qabżet il-€5000, u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jinħareġ tender għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill unanimament qabel.

**389.3.8** Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsilliera Francine Farrugia kienet ikkomunikat ma' SportMalta u anka mal-Onorevoli Ryan Callus għal għajnuna finanzjarja fit-tiswija fl-outdoor gym. Huwa informa li SportMalta approvaw finanzjament ta' €10,000 għat-tiswijiet. Il-Kunsilliera Francine Farrugia proponiet li jitwaħħlu sinjali li mhux permessi klieb u roti fuq it-track għax qed jikkawżaw ħsara, kif ukoll il-possibilta' li l-*area* tingħalaq bi grada biex ma jidħlux klieb.

**389.3.9** Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma' Dun Nikol Aquilina mill-Għaqda Kulturali Siġġiewi. Huwa qal li ġie preżentat bi stima għal restawr ta' tlett monumenti: dak tal-Poeta Karmenu Vassallo, ta' Pawlu Aquilina u ta' Ġuże' Delia, liema stima tammonta għal €5310 inkluż il-VAT. Il-Kunsillier Dominic Grech qal li permezz tal-Kumitat 'Ħarsien tal-Wirt Storiku u Kulturali' qed jiġu identifikati niċeċ fil-lokal li għandhom bżonn restawr u tinġabar informazzjoni dwarhom biex jitħejja pjan ta' ħidma. Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li malli tinġabar din l-informazzjoni għandha tintalab l-għajnuna tal-Gvern għar-restawr qabel ma' dan il-wirt storiku jintilef għal dejjem. Is-Sindku qal ukoll li l-ġabra ta' din l-informazzjoni tkun utli meta jinħarġu skemi dwar restawr li l-Kunsill ikun jista' japplika għalihom.

**389.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**389.4.1** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa dwar l-attivita' għat-tfal li saret fl-1 ta' Mejju 2020. Huwa qal li kien hemm nuqqas ta' informazzjoni u sar jaf biha minn email ftit jiem qabel. Huwa saqsa jekk kienx hemm l-approvazzjoni għal tali attivita' mill-Awtoritajiet tas-Saħħa, peress li fil-media dehru filmati ta' nies miġmugħin gruppi, meta preżentament hemm ordni għal *social distancing*. Is-Sindku wieġeb li din l-attivita' ġiet organizzata f'qasir żmien, bħal ma sar ukoll f'lokalitajiet oħra, u l-iskop tagħha kien li jferrħu lit-tfal f'din is-sitwazzjoni peress li ilhom ġimgħat sħaħ ġewwa djarhom u 'l bogħod mill-ħbieb tal-iskola. Din is-sitwazzjoni qed tħalli impatt negattiv fuq is-saħħa mentali tat-tfal. Huwa qal li kien hemm spiża minima u kien hemm element ta' volontarjat. Huwa qal li żgur li din l-attivita' ħalliet impatt pożittiv ħafna fuq it-tfal tas-Siġġiewi u li l-grupp involut prova jagħmel minn kollox biex jintlaħqu l-maġġor parti tat-toroq u ma jibqa ħadd barra. Is-Sindku qal ukoll li t-tfal kienu imħeġġa jipparteċipaw mill-gallariji jew twieqi u rigward il-filmati li dehru kienu ta' attivita' separata f'kumpless privat.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li f'din l-attivita' kien hemm użu ta' bżieżaq li tmur kontra l-iffirmar ta' ftehim mal-AKL li sar fit-2018. Il-Kunsillier Adrian Farrugia assikura li l-bżieżaq kolla li intużaw ġew mormija kif suppost wara l-attivita' biex ma jiġux imtajra, kif hemm fil-ftehim.

Il-kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-Kunsilliera ma kienux mistednin għal din l-attivita' u rrimarkat li għalkemm l-email intbagħtet qabel, kien hemm nuqqas ta' informazzjoni. Is-Sindku qal li meta attivita' tkun tal-Kunsill ikun ovvju li l-Kunsill kollu jkun mistieden anzi jħeġġeġ lill-Kunsilliera kollha biex jipparteċipaw f'kull attivita' tal-kunsill.

Il-Kunsillier Julian Borg staqsa wkoll jekk f'din l-attivita' tat-tfal kienx involut il-Kunsill Lokali tat-Tfal. Il-Viċi Sindku wieġbet li l-Kunsill tat-Tfal kienu infurmati bl-attivita' iżda dawn kienu mħeġġa li jipparteċipaw mid-djar tagħhom u dan sabiex tinżamm id-distanza soċjali.

**389.4.2** Il-kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li din il-ġimgħa l-Kuntrattur tal-Kunsill kien qiegħed jaqta' l-ħaxix fi Triq Bur Il-kbir waqt li kien għaddej it-traffiku. Hija proponiet li meta jsir qtugħ ta' ħaxix bil-mutur f'toroq traffikużi it-triq tingħalaq għal ċertu ħin peress li tista' jsir xi ħsara lill-vetturi li jkunu għaddejja.

**389.5** **Miżura 1 – *Restoration of Assets of Artistic and Cultural Value***

Is-Sindku informa l-Kunsill bi Skema taħt Miżura 1 li tagħlaq fl-aħħar ta' Mejju 2020. Huwa qal li flimkien mal-Kunsillier Dominic Grech kellhom laqgħa mal-Perit mid-dipartiment tar-restawr u l-Perit tal-Kunsill bi pjan ta' restawr tal-istatwa ta' San Nikola fil-Pjazza inkluż il-pedestall tiegħu. Huwa qal li l-istima għal dan il-proġett hija madwar €50,000 u l-applikazzjoni qed issir bl-assistenza ta' MEUSAC. Il-Kunsilliera Francine Farrugia saħqet dwar studju fuq il-ġebla tal-pedestall u anka biex tittieħed in kunsiderazzjoni li l-pedestall tal-istatwa hija *landmark* għat-tfal u l-anzjani tal-lokal biex ipoġġu bilqegħda fuqha. Il-kunsillier Dominic Grech saħaq li qed issir konsultazzjoni sħiħa ma' esperti mis-SCH.

Il-Kunsillier Julian Borg ġibed l-attenzjoni li s-sinjal direzzjonali tat-traffiku eżistenti jindika li l-istatwa hija '*roundabout*' għat-traffiku u saħaq li tingħata importanza għas-senjaletika fit-tfassil tal-proġett. Huwa qal ukoll li l-lanterni eżistenti jservu bħala ilqugħ għall-istess pedestall mit-traffiku.

Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill għal dan il-proġett.
Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda. Il-Kunsill unanimament approva.

**389.6** **PA/00534/19 – *Construction of 2 water reservoirs below basement level, 68 garages, 27 car park spaces and a substation at basement level, and overlying 196 housing units, instead of previous permits PA 715/17, PA 4988/10 and PA 2686/04 – Site at, Triq Nikola Bonello c/w Triq Dun Anton Vella, New Street in Triq Mons. F. X. Mangion, Triq Wied Hesri, Siggiewi***

Is-Sindku Kurstein Sant qal li hu jemmen li dan huwa proġett illi ilu fuq il-karta u li issa il-gvern wasal sabiex iwettaq. Minn meta il-pjanijiet tal-2004, 2010 u 2017 sal-lum kemm il-*policies* kif ukoll ix-xenarju soċjali nbidel u allura dan kollu wassal għal żieda sostanzjali fl-ammont ta' *units* li qegħdin jiġu proposti. IL-Kunsill għandu jevalwa din l-applikazzjoni fid-dawl li dan huwa proġett favur ġustizzja soċjali u li ser jgħin lil ħafna nies. Hu stieden lil kull min xtaq jagħmel xi kummenti sabiex jagħmel dan. Hu qal li l-Kunsill Lokali għandu wkoll jaħdem biex minn dan l-proġett jieħu *planning gain* sostanzjali.

Il-Viċi Sindku Rodianne Haber qalet li hi taqbel mas-Sindku u li dan huwa progett ta' ġid fis-Siġġiewi.

Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li jemmen fil-proġetti ta' ġustizzja soċjali u li dan huwa proġett pożittiv mill-Gvern.

Il-Perit Julian Borg saħaq li għalkemm l-akkomodazzjoni soċjali hija bżonjuża fil-prinċipju, wieħed irid jara l-proġett propost kemm fid-dettal kif ukoll b'mod ħolistiku. Il-kunsillier Julian Borg ikkummenta fuq numru ta' punti teknici:
*Building Height* skond il-Pjan Lokali:
- Iż-żona qegħda ġewwa żona ta' żvilupp u skond il-pjan lokali ta' l-2006 hija skemata għal 3 sulari u semi-basement. Skond ir-reviżjoni tad-DC2015, dan ġie jfisser li issa iż-żona hija ta' 4 sulari mal-*building line* u ieħor irtirat 'il ġewwa. Kif jidher sew, mil-aħħar *section* u *elevations*, din il-binja ser ikollha 6 sulari li huma direttament mal-*building line*.
- Illi din il-binja tinsab f'żona imsejħa 'transition zone' bejn iż-żona ta' żvilupp u l-ODZ u għalhekk, se mai, id-disinn għandu jkun wieħed li jikkumplimenta il-madwar minn dak tal-pjan lokali u mhux bil-kontra.

Akkomodazzjoni Soċjali ta' kwalita' jew *clustering*?
- Fl-applikazzjonijiet diġa approvati tal-2017 u qabel, l-akkomodazzjonijiet kienu għal ħafna inqas akkomodazzjonijiet minn dawk ta' din l-applikazzjoni, u cioe, 196 apartament.

Spazji oħra:
- Fil-pjanti ma hemmx indikati spazji speċifiċi għal ġbir ta' skart. F'żona marbuta ma' numru ta' kbir ta' apartamenti għandu jkun hemm *refuse areas* jew aktar minn waħda għal l-iskart;
- Il-disinn għandu jinbidel sabiex jipprovdi spazji miftuħa (parti mis-sit innifsu), ukoll sabiex joħloq spazju u disinn iktar interessanti;
- Għandu jinħoloq spazju għal użu soċjali u użu kummerċjali (*mini shops*) relatati mal-komunitajiet li qed jagħmlu użu minn dan l-iżvilupp u l-madwar;
- Jekk il-permess, jew parti minnu, jiġi approvat, il-PA flimkien mal-Housing Projects Department għandhom jassiguraw illi l-garaxxijiet u l-*car spaces* ikunu abbinati direttament ma' l-apartament sovrastanti u għalhekk dik tkun tfisser anqas impatt fuq il-parkeġġ eżisti.

Alternattivi:
- Huwa minnu li kien hemm applikazjoni oħra approvata fuq l-istess sit għal akkomodazjoni soċjali u allura s-sit huwa '*committed*', minn naħa l-oħra, nitlob lill-Kunsill sabiex jagħmel talba lill-gvern sabiex jikkunsidra mill-ġdid l-użu ta' din l-art. Is-Siġġiewi, f'dawn l-aħħar snin, diġa ta sehem attiv tiegħu f'akkomodazzjoni soċjali permezz tal-binja fi Triq Dun Manuel Zammit u Triq Dr. Nikola Zammit u għalhekk minħabba li l-artijiet proprjeta tal-gvern fid-development zone tas-Siġġiewi huma ftit li xejn, għad fadlilna wieħed mil-aħħar tentattivi sabiex iż-żona tintuża għal użu soċjali, eż. Dar ta' L-Anzjani jew użu relatat mal-isports.

Il-Kunsillier Julian Borg saħaq illi hemm bżonn issir sottomissjoni dettaljata lil PA sabiex jiġi modifikat il-proġett skond il-punti li semma u xi punti oħrajn li jista' jkun hemm minn xi kunsilliera oħra jew il-perit tal-Kunsill. Saħaq ukoll illi wara li issir is-sottomissjoni u l-iżviluppatur, f'dan il-każ il-gvern, jemenda il-pjanti, l-applikazzjoni terġa tiġi diskussa waqt seduta tal-Kunsill għal kummenti finali.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li minn din id-diskussjoni qed tara li hawn kunsilliera li ma ġewx preparati għal diskussjoni fuq dettalji tal-applikazzjoni imma ġew preparati biex jaqblu mal-Gvern bla ebda ħsieb ieħor fuq l-effetti tal-applikazzjoni fuq il-lokalitá.

Hi qalet li l-Kunsillier il-Perit Julian Borg, provda analizi serja u nfurmata tajjeb fuq dan l-iżvilupp. Alessia Psaila Zammit qalet li bħala kunsilliera huma lkoll fid-dover janalizzaw kull applikazzjoni u jiġu preparati għall-laqgħat mingħajr pressjoni jew raġunijiet partiġġjani. Il-fatt li kunsilliera ma jiġux preparati fuq l-argument biex jiddefendu lis-Siġġiewi iżda lesti jaqbdu u jagħmlu *endorsement* għall-proġett bħal dan juri li l-interess huwa purament politiku partiġġjan. Hi qalet li bħal ma sar fuq l-iżvilupp tas-*social housing* fi Triq it-Tabib Nikol Zammit, il-Kunsill Lokali għandu jagħmel sottomissjoni preparata b'mod dettaljat fuq l-aspetti tal-applikazzjoni li ma jixirqux lir-raħal, li huma kontra *policies* eżistenti u li titnaqqas il-massa ta' residenzi biex jiddaħħlu servizzi lill-komunitá fis-sit.

Alessia Psaila Zammit qalet li dan għandu jiżdied mal-proposti ta' Julian Borg u jintbagħtu lill-perit tal-Kunsill għal pariri oħra professjonali.

Alessia Psaila Zammit qalet ukoll li ma tistax tifhem kif is-Sindku flok joffri analizi nfurmata fuq l-applikazzjoni jagħti x'jifhem li lest jagħlaq għajnejh favur *Planning Gain* sostanzjali. Alessia Psaila Zammit qalet li Sindku m'għandu qatt jirraġuna b'dan il-mod u l-Kunsill Lokali m'għandu qatt juża l-*Planning Gain* bħala xi għodda li biha ngħalqu għajnejna jew ninnegozjaw għal żvilupp li jeħtieġ sottomissjoni ħabba nuqqasijiet li fih.

Il-kunsilliera Francine Farrugia qalet li hi taqbel li ssir analizi tajba tal-applikazzjoni u ssir sottomissjoni mal-PA mill-Kunsill Lokali għar-raġunijiet diġa' msemmija mill-kunsilliera Alessia Psaila Zammit u Julian Borg. Semmiet ukoll li l-proġett għandu jinkludi spazji għall-użu tal-għaqdiet lokali.

Is-Sindku qal li jaqbel li ssir sottomissjoni fuq il-punti elenka l-Kunsillier Julian Borg u anke li jekk ikun hemm aktar punti li jiġu mqajma, dawn għandhom jiżdiedu ma' dawk li diġa ssemmew.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal li qed jieħu gost li kuntrarju għal applikazzjoni ta' Triq it-Tabib Nikol Zammit, hemm diskussjoni miftuħa li taċċetta dan l-iżvilupp u mhux li twaqqfu. Hu qal li għandha ssir sottomissjoni fuq il-punti msemmija kif ukoll jiżdiedu fejn hemm bżonn.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li tixtieq tikkjarifika li ma hemm xejn differenti mill-pożizzjoni li kienu ħadu hi u kunsilliera oħra fuq l-iżvilupp fi Triq it-Tabib Nikol Zammit. Il-pożizzjoni hija l-istess li ssir sottomissjoni, jitnaqqsu r-residenzi, isiru aktar servizzi għal komunitá, jiġi kkunsidrat l-effett ta' żieda f'daqqa ta' familji fi żmien wieħed u effetti fuq l-immaniggjar ta' traffiku u skart. Alessia Psaila Zammit qalet li fil-Leġislatura preċedenti l-kunsillier Dominic Grech kien ivvota kontra li ssir sottomissjoni fuq l-iżvilupp ta' *housing* fi Triq Nikol Zammit, mentri issa qed jaqbel li ssir sottomissjoni.

Il-Kunsillier Dominic Grech qal fil-legislatura li għaddiet kien hemm kunsill li ried iwaqqaf il-proġett u issa kien hemm *approach* differenti. Qal li l-kunsilliera Alessia Psaila Zammit bħala Sindku kienet organizzat protesta u ġabret petizzjoni. Il-kunsilliera Psaila Zammit qalet li bħala Sindku kienet qed twettaq doveri għal kollox legali u tisma' nies li kienu preokkupati. Fakkret li l-laqgha li kien qed jirreferi għaliha l-kunsillier Dominic Grech kienet laqgħa pubblika li hu kien ġie mistieden għaliha bħala kunsillier u għażel li jkun assenti għaliha, bħal ma kien assenti f'laqgħat oħra ta' diskussjoni mal-pubbliku fuq l-iżvilupp mill-Gvern fi Triq Nikol Zammit.

Alessia Psaila Zammit qalet ukoll li għal dik l-laqgħa pubblika, l-Kunsill kien stieden lid-deputati miż-żewg naħat tal-Kamra u l-Onor Roderick Galdes iżda m'attendewx. Hi qalet li issa l-kunsillier Dominic Grech qed jieħu *approach* differenti u fehem li fuq dawn l-applikazzjonijiet massivi fl-iżvilupp mill-Gvern għandha ssir sottomissjoni mal-PA.

Wara d-diskuzzjoni fuq is-suġġett, is-Sindku kkonkluda li l-kunsill qed jaqbel li ssir sottomissjoni bil-punti li tressqu diga' filwaqt li stieden lil kull kunsillier li jekk ikun hemm xi punti oħra li jixtiequ jżidu jikkomunikaw miegħu jew mal-perit tal-kunsill li ser ikunu qiegħdin iħejju din is-sottomissjoni. Il-Kunsilliera esprimew qbil unanimu li ssir s-sottomissjoni mal-PA fuq l-punti mressqa fid-diskussjoni u li qabel tintbaghat s-sottomissjoni lill-PA, tiġi ċċirkolata lill-kunsilliera kollha.

**389.7 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**389.8** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit ħarġet mil-laqgħa fit-8.15pm.

**389.9** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**389.10** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**389.11** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**389.11.1** Il-Kunsilliera Francine Farrugia rrimarkat li Għar Lapsi qed ikun hemm kwantita' ta' klieb minkejja li hemm is-sinjali li jivjetaw dan. Hija semmiet ukoll li qed jinżlu vetturi sa ħdejn it-taraġ u qed joħolqu periklu kbir lil min ikun hemm isfel. Hija saħqet li għandhom jiġu infurmati l-Pulizija u jkun hemm infurzar.

**389.11.2** Hija infurmat lill-Kunsill li għamlet rapport lil Animal Welfare dwar numru ta' klieb jiġru li kienu qed jattakkaw qtates u anka klieb oħrajn.

**389.11.3** Il-kunsilliera Farrugia kompliet li kienet infurmata b'nuqqas ta' ġbir ta' skart goff minn residentali kienet ibbukjat għas-servizz.

**389.11.4** Hija proponiet li jiżdiedu l-kontenituri tal-iskart u *dog-bins* fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi.

**389.11.5** Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet ukoll il-bankina imkissra fi Triq Angelo Dorini.

**389.11.6** Il-Kunsillier Dominic Greċħ reġa semma l-ħajt perikoluż fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi. Hu qal li minkejja d-diversi emails u anka telefonati mill-Uffiċċju lill-Awtoritajiet tal-Pulizija il-periklu għadu hemm. Għalhekk talab li jiġi infurmat il-Ministeru tal-Intern biex jittieħdu l-provedimenti meħtieġa mill-iktar fis qabel iweġġa xi ħadd.

**389.11.7** Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet ukoll il-periklu fi Triq Anġelo Dorini minn barriera mingħajr ilqugħ u saħqet li ssir pressjoni mal-Awtoritajiet biex tittieħed l-azzjoni neċessarja mingħajr iktar dewmien.

**389.11.8** Il-Kunsillier Dominic Grech indika sqaq f'Wied Costa li għandu bżonn tindif u qtugħ ta' ħaxix.

**389.11.9** Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li Triq Ġużeppi Busittil li riċentement ingħatat wiċċ ġdid qed tinqabeż mill-kennies. Huwa talab biex ninfurmaw lill-kuntrattur jinkludiha fl-iskeda.

**389.11.10** Il-kunsillier Farrugia qal li ż-żewġ bozoz f'Għar lapsi li ilhom irrapurtati xhur għadhom ma jixgħelux. Huwa talab biex tittieħed azzjoni biex jissewwew mill-iktar fis.

**389.11.11** Huwa semma wkoll bankina fi Triq Angelo Dorini li għandha bżonn tiswija.

**389.11.12** Il-Viċi Sindku qalet li irċeviet rapport ta' inċident minn vettura b'veloċita eċċessiva li għamlet ħsarat f'residenza fi triq it-Tabib Nikola Zammit ma' Triq Blat il-Qamar. Il-Kunsillier Dominic Grech irrimarka li fil-post indikat diġa hemm installata *crash barrier*.

**389.11.13** Il-Viċi Sindku infurmat lill-kunsill li permezz tal-Kunsill Lokali Żagħżagħ issottomettiet applikazzjoni għal proġett '*Give back award'* imniedi minn Erasmus+ and European Solidarity Corps. Hija qalet li s-sottomissjoni intlaqgħet tajjeb u għalkemm ma kwalifikatx fl-ewwel post, il-Kunsill ingħata s-somma ta' €100. Il-Viċi Sindku talbet lill-Kunsill japprova is-somma addizzjonali ta' €300 għal din l-inizjattiva biex titwettaq flimkien mal-membri tal-Kunsill Lokali Żagħżagħ. Is-Sindku ssekonda u l-kunsill unanimament approva.

**389.11.14** Il-kunsillier Francine Farrugia infurmat li qed tipparteċipa fi proġett tal-Komunita' favur l-integrazzjoni biex tinkludi l-parteċipazzjoni tas-Siġġiewi f'dan il-proġett. Iktar informazzjoni tingħata 'il quddiem.

**389.12** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-9.00am ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 8 ta' Ġunju 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 8 ta' Ġunju 2020

Dr Kurstein N. Sant
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv